IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.10.2011
SEG(2011) 1234 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt

Li jakkumpanja d-dokument

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

dwar linjigwida għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet Ewropej tal-infrastruttura tal-enerġija u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE

{KUMM(2011) 658 finali}
{SEG(2011) 1233 finali}

1) Definizzjoni tal-problema

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prijoritajiet tal-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u wara[1] kkonfermat il-ħtieġa li jiġi rivedut il-qafas ta' politika u finanzjament tat-TEN-E, identifikat il-kurituri u oqsma prijoritarji li għandhom jiġu implimentati sal-2020 u pproponiet metodu ġdid biex jiġu identifikati proġetti ta' interess komuni (Projects of Common Interest – PCIs) sabiex jiġu implimentati dawn il-prijoritajiet. Il-valutazzjoni tal-impatt li akkumpanjatha enfasizzat il-**bidla fl-iskala tal-volumi tal-investiment u fil-ħin meħtieġ biex dawn jitwettqu, b'investimenti b'valur** ta' madwar EUR 140 biljun f'netwerks tal-elettriku ta' rilevanza Ewropea, madwar EUR 70 biljun f'netwerks tal-gass, kif ukoll EUR 2,5 biljun għal infrastruttura tat-trasport marbuta mas-CO2 li għandhom jitwettqu kollha sal-2020. Identifikat ukoll ostakli marbuta mal-ħruġ ta' permessi.

Din l-analiżi tal-problema hija aktar irfinuta permezz ta' din il-valutazzjoni tal-impatt kumplimentari li takkumpanja l-proposta leġiżlattiva dwar l-infrastrutturi tal-enerġija.

Problemi bil-proċeduri tal-ħruġ ta' permessi u l-oppożizzjoni pubblika

Dawn huma fost ir-raġunijiet ewlenin li jostakolaw l-implimentazzjoni f'waqtha tal-proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija, b'mod partikolari dawk il-linji tal-elettriku ’l fuq mil-livell tat-triq. **Il-proċeduri amministrattivi huma kumplessi u ineffiċjenti**, l-aktar fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-proċeduri u l-kompetenzi tal-partijiet involuti. Dawn għadhom ifframmentati u neqsin minn limiti ta' żmien ċari u ppjanar u koordinazzjoni minn qabel fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE[2]. **L-oppożizzjoni min-naħa tal-popolazzjoni milquta** hija relatata man-nuqqas ta' ċarezza dwar il-valur miżjud ta' proġett, l-impatti reali jew ippercepiti fuq l-ambjent u l-pajżaġġ, it-tħassib marbut mas-saħħa u s-sikurezza u l-involviment tard u insuffiċjenti tal-pubbliku u l-partijiet interessati.

Problemi relatati mal-qafas regolatorju

Il-qafas eżistenti mhuwiex orjentat lejn it-twettiq tal-prijoritajiet Ewropej ta' infrastruttura li ġew identifikati. L-istabbilment ta' tariffi u l-inċentivi regolatorji għadhom iffukati, fuq livell nazzjonali, fuq il-kosteffiċjenza, mingħajr ma titqies l-isfida korrispondenti tal-investiment fit-tul tal-Ewropa 2020. Deċiżjonijiet ewlenin dwar proġetti transfruntieri jittieħdu biss abbażi ta' prijoritajiet nazzjonali. Din hija partikolarment problema, hekk kif il-benefiċċji u l-ispejjeż huma asimetriċi bejn l-Istati Membri b'approvazzjonijiet ta' investiment transfruntier li jirriżultaw fi proċessi kumplessi u mtawwla.

Problemi relatati mal-finanzjament

Fid-dawl tal-bidla fl-iskala tal-volumi ta' investiment u l-urġenza li jitwettqu l-prijoritajiet tal-infrastruttura tal-enerġija sal-2020, l-operaturi tan-netwerk se jaffrontaw sfidi sinifikanti ta' finanzjament. Il-kriżi finanzjarja toħloq ċerti restrizzjonijiet fuq il-kumpaniji biex itellgħu kapital ta' dejn b'termini favorevoli, filwaqt li jikbru r-riskji għall-pajjiżi u jinżlu l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu. Strutturi attwali ta' regolazzjoni u sjieda jagħmluha diffiċli għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOs - Transmission System Operators) biex jattiraw b'mod effikaċi investituri istituzzjonali ġodda. Fuq livell ta' UE, il-programm TEN-E eżistenti, bl-iffukar limitat tiegħu fuq għotjiet għal studji ta' fattibbiltà u nuqqas ta' strumenti adegwati ta' mitigazzjoni tar-riskju, mhuwiex adattat biex jiffaċilita l-aċċess għal finanzjament tad-dejn/tal-ekwità sabiex isaħħaħ l-investiment pubbliku u privat fin-netwerks tal-enerġija għall-futur.

[1] COM/2010/0677

[2] Id-Direttivi 2001/42/KE, 85/337/KEE, 92/43/KEE, 2009/147/KE, 2000/60/KE

2) Analiżi tas-sussidjarjetà u l-valur miżjud tal-UE

Il-kompetenza tal-UE fil-qasam tal-enerġija hija stabbilita fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari fl-Artikolu 194 dwar l-enerġija. In-netwerks tal-enerġija huma koperti mill-Artikoli 170 u 171 tat-TFUE. Fir-rigward tal-ħruġ tal-permessi, l-Artikolu 171-2 tat-TFUE jistipula li *"L-Istati Membri għandhom, flimkien mal-Kummissjoni, jikkoordinaw bejniethom il-linji politiċi nazzjonali li jista' jkollhom impatt konsiderevoli fuq il-kisba tal-għanijiet msemmija fl-Artikolu 170"*. Minbarra dan, l-Artikolu 194-2 tat-TFUE jippermetti lill-UE li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex tippromwovi l-interkonnessjoni tan-netwerks tal-enerġija.

3) L-għanijiet tal-inizjattiva tal-UE

L-għan ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li tiżgura żvilupp suffiċjenti u fil-ħin tal-infrastrutturi tal-enerġija madwar l-UE u fil-viċinat tagħha sabiex tilħaq l-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-UE ta' integrazzjoni tas-suq, sigurtà tal-provvista u sostenibbiltà. L-inizjattiva hija mmirata speċifikament għall-implimentazzjoni, sal-2020, tal-kurituri prijoritarji trans-Ewropej tal-infrastruttura tal-enerġija billi

- tissemplifika l-proċeduri tal-ħruġ tal-permessi sabiex jitnaqqas sew it-tul ta' żmien għall-proġetti ta' interess komuni u jiżdied l-involviment u l-aċċettazzjoni tal-pubbliku fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' tali proġetti;
- tiffaċilita t-trattament regolatorju ta' proġetti ta' interess komuni fl-elettriku u l-gass billi jiġu allokati spejjeż abbażi tal-benefiċċji pprovduti u jiġi żgurat li d-dħul permess ikun skont ir-riskji mġarrba;
- tipprovdi regoli ta' eliġibbiltà għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni fl-għamla ta' appoġġ finanzjarju tal-UE msejjes fuq is-suq u dirett lill-proġetti ta' interess komuni.

Din l-inizjattiva tieħu post il-linjigwida eżistenti tat-TEN-E u tikkomplimenta l-proposta ta' Regolament li jistabbilixxi l-"Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" ("Connecting Europe Facility" - CEF) li jkopri s-setturi kollha tal-infrastruttura (enerġija, trasport, telekomunikazzjoni) u jistabbilixxi regoli komuni għall-għoti ta' għajnuna mill-Unjoni kemm fl-għamla ta' għotjiet kif ukoll permezz ta' strumenti finanzjarji ġodda.

4) Alternattivi ta' politika

L-alternattivi ta' politika li ġejjin huma diskussi għat-tliet oqsma ta' politika li jkopru l-problemi identifikati:

Qasam ta' politika A: Ħruġ ta' permessi, involviment tal-partijiet interessati u kumpens		
Alternattiva A.0	Kollox jibqa' l-istess	
Alternattiva A.1	***L-istabbiliment ta' sistema ta' Interess Ewropew Komuni***	
Alternattiva A.2	***L-organizzazzjoni u l-limitazzjoni taż- żmien ta' proċess għall-ħruġ ta' permess***	
	Element A.2.1: L-organizzazzjoni ta' proċess għall-ħruġ ta' permess	
	Subalternattiva A.2.1.a	Awtorità Ewlenija mingħajr is-setgħa li tieħu deċiżjonijiet fuq livell nazzjonali ("punt uniku ta' referenza ħafif")
	A.2.1.b	Awtorità Ewlenija bis-setgħa li tieħu deċiżjonijiet ("punt uniku ta' referenza sħiħ")
	A.2.1.c	Awtorità Ewlenija Transfruntiera b'Awtorità Ewropea ta' Rimedju Aħħari u Proċedura Ewropea għall-ħruġ ta' permessi

	Element A.2.2: Limitazzjoni taż-żmien ta' proċess għall-ħruġ ta' permess	
	A.2.2.a	Rekwiżit għall-Istati Membri biex jistabbilixxu limiti ta' żmien għal kull PCI individwali
	A.2.2.b	Limiti ta' żmien legalment vinkolanti stabbiliti mill-partijiet interessati fil-qafas ta' kooperazzjoni reġjonali
	A.2.2.c	Limitu ta' żmien legalment vinkolanti stabbilit bl-att leġiżlattiv tal-UE.
Alternattiva A.3	***L-istabbiliment ta' sistema ta' Interess Ewropew Komuni u l-organizzazzjoni u l-limitazzjoni taż-żmien ta' proċess għall-ħruġ ta' permess***	
Qasam ta' politika B: Regolazzjoni		
Alternattiva B.0	Kollox jibqa' l-istess	
Alternattiva B.1	***Allokazzjoni tal-ispejjeż***	
	B.1.a	Tariffa tat-trażmissjoni tal-UE
	B.1.b	Allokazzjoni tal-ispejjeż *ex ante*
	B.1.c	Allokazzjoni tal-ispejjeż *ex ante* b'aġġustament *ex post*
Alternattiva B.2	***Inċentivi ta' investiment***	
	B.2.a	Inċentivi relatati mar-riskji għall-PCIs
	B.2.b	Penali u azzjoni ta' nfurzar għall-PCIs
Alternattiva B.3	***Allokazzjoni tal-ispejjeż ex ante u inċentivi relatati mar-riskji għall-PCIs***	
Qasam ta' politika C: Finanzjament		
Alternattiva C.0	Kollox jibqa' l-istess	
Alternattiva C.1	***Strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji***	
Alternattiva C0.2:	***Strumenti ta' kapital ta' riskju***	
Alternattiva C.3	***Appoġġ permezz ta' għotja għall-kostruzzjoni ta' proġett***	
Alternattiva C.4	***Kombinazzjoni ta' għotjiet kif ukoll strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji u ta' kapital ta' riskju***	

Wara analiżi preliminari, is-subalternattivi A.2.1.a, A.2.1.c, A.2.2.a, A.2.2.b u B.1.a ġew skartati peress li l-miżuri relatati ġew meqjusa bħala ineffikaċi u sproporzjonati meta mqabbla mal-impatt tagħhom.

5) Valutazzjoni tal-impatti

Taħt l-alternattiva **"kollox jibqa' l-istess" (business as usual - BAU)**, id-dewmien persistenti ta' proġetti ġodda ta' infrastruttura se jibqgħu jippersistu minħabba problemi ta' finanzjament, dawk regolatorji kif ukoll dawk tal-ħruġ ta' permessi. Il-prijoritajiet Ewropej ma jkunux indirizzati biżżejjed mill-operaturi tas-suq u l-Istati Membri. Skont stimi tal-Kummissjoni, sehem sinifikanti tal-**investiment meħtieġ sal-2020 ta' madwar EUR 200 biljun mhux se jissarraf fil-ħin** fl-ambitu tal-qafas eżistenti, bir-riżultat li tiġi mfixkla l-ħila tal-UE li tilħaq, sal-2020, l-għanijiet ta' politika tagħha għall-enerġija u l-klima. In-nuqqas ta' interkonnessjonijiet se jnaqqas l-opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tas-sistema, iżid ir-riskju ta' xkiel fis-servizz u jwassal għal investimenti addizzjonali għaljin f'servizzi ta' riżerva u f'ibbilanċjar tal-ġenerazzjoni. F'każ li dawn ikomplu, it-TEN-E u fondi oħra tal-UE mhux se jkunu jistgħu jagħmlu impatt sinifikanti fuq l-isfida tal-investiment.

5.1. Ħruġ ta' permessi

Alternattiva A.1: L-istabbiliment ta' sistema ta' Interess Ewropew Komuni

Din l-alternattiva mistennija jkollha effetti pożittivi intermedji billi tikkontribwixxi lit-twettiq fil-ħin ta' aktar proġetti milli taħt il-BAU. Iċ-ċittadini jkunu potenzjalment affettwati fl-opportunità limitata li jiddibattu l-ħtieġa ta' proġett waqt il-proċeduri ta' ħruġ ta' permess. L-impatti fuq l-ambjent mhumiex mistennija li jiżdiedu wisq fis-sistema ġdida meta mqabbla ma' dik attwali, jekk jiġi preżunt li l-proġetti jitlestew qabel. Bit-twettiq b'suċċess tal-proġetti huma mistennija effetti pożittivi b'saħħithom fuq l-għanijiet għall-klima. Iċ-ċertezza tal-investituri se tiżdied u tikkontribwixxi, b'mod pożittiv, lill-vijabbiltà tal-proġetti. Fir-rigward tal-ispejjeż amministrattivi, it-tnaqqis fir-riżorsi meħtieġa għall-ipproċessar ta' għadd partikolari ta' proġetti huwa stmat li huwa madwar 3 % min-naħa tal-promoturi u 12 % min-naħa tal-awtoritajiet.

Alternattiva A.2 Regoli fuq l-organizzazzjoni u t-tul ta' żmien tal-proċess għall-ħruġ ta' permess (subalternattivi A.2.1b "punt uniku ta' referenza sħiħ" u A.2.2.c "limitu ta' żmien ta' 4 snin")

L-impatt ta' din l-alternattiva mistenni li jkun b'saħħtu u pożittiv, li jippermetti lill-biċċa l-kbira tal-proġetti li jitwettqu fil-ħin. L-għadd ta' proġetti mwettqa fil-ħin ikun ogħla minn dak fl-alternattiva A.1, iżda mhux il-PCIs kollha jingħataw il-prijorità. L-alternattiva ttejjeb b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet għaċ-ċittadini biex jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet hekk kif l-Aworità Ewlenija u/jew il-promoturi jkollhom jiżguraw konsultazzjoni bikrija. L-ispejjeż għall-konformità jkunu ogħla minn dawk fl-alternattiva A.1. L-impatti pożittivi fuq l-ispejjeż amministrattivi huma mistennija wkoll li jkunu aktar sinifikanti taħt din l-alternattiva ta' politika b'iffrankar fl-ispejjeż amministrattivi ta' 26 %.

ALTERNATTIVA A.3 L-istabbiliment ta' sistema ta' Interess Ewropew Komuni u ta' regoli fuq l-organizzazzjoni u ż- żmien ta' proċess għall-ħruġ ta' permess

L-impatt ġenerali ta' din l-alternattiva ta' politika, li tgħaqqad l-impatti tal-alternattivi A.1 u A.2, huwa meqjus li jkun l-aktar pożittiv minn fost l-alternattivi kollha peress li jkun jista' jwassal għat-twettiq fil-ħin ta' kważi l-proġetti meħtieġa kollha sal-2020, dejjem jekk ikun hemm fis-seħħ il-miżuri xierqa għar-regolazzjoni u l-finanzjament. Impatti ambjentali, impatti soċjali fuq l-impjiegi u l-impatti ekonomiċi fuq il-PDG huma mistennija li jkunu aktar b'saħħithom taħt din l-alternattiva ta' politika hekk kif ikunu tlestew il-proġetti kollha , filwaqt li l-iffrankar fuq spejjeż amministrattivi jammonta għal 31 %.

Skont din l-analiżi, l-alternattiva ta' politika A.3 hija l-alternattiva preferuta

<u>4.2. Miżuri regolatorji</u>

ALTERNATTIVA B.1: Allokazzjoni tal-ispejjeż

Allokazzjoni ta' spejjeż ex ante tkun tista' tippermetti ċerti investimenti, li għalihom l-ebda qsim ta' spejjeż vijabbli ma jkun possibli taħt il-BAU, b'impatti fuq id-distribuzzjoni u dawk soċjali fuq il-parteċipanti tas-suq u l-konsumaturi aħħara. Huma mistennija impatti amministrattivi limitati bir-rekwiżit għall-NRAs li jikkooperaw ma' oħrajn u ma' TSOs minn Stati Membri differenti.

L-impatti ta' ***allokazzjoni tal-ispejjeż ex ante bil-possibbiltà ta' aġġustament ex post*** ikunu differenti biss fl-impatti ekonomiċi u ta' distribuzzjoni finali. Filwaqt li tagħmel l-allokazzjoni aktar preċiża, tkun qed toħloq riskju negattiv għad-dħul għat-TSOs u l-investituri esterni. L-implimentazzjoni tista' twassal għal spejjeż amministrattivi addizzjonali, hekk kif it-TSOs u l-NRAs ikollhom jevalwaw mill-ġdid il-benefiċċji u jinnegozjaw mill-ġdid l-allokazzjoni tal-ispejjeż.

B'riżultat ta' dan, is-subalternattiva B.1.b hija s-subalternattiva preferuta.

Alternattiva B.2: Inċentivi ta' investiment

Inċentivi għall-PCIs b'riskji ogħla jistgħu joħolqu impatt ekonomiku pożittiv għat-twettiq tal-infrastruttura billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi imposti minn ċerti investimenti. L-impatt finanzjajarju ta' tali element addizzjonali fuq it-tariffi tan-netwerk jibqa' wieħed limitat ħafna, fid-dawl tal-volum baxx mistenni ta' investimenti eliġibbli, l-impatt amministrattiv limitat u s-sehem ġenerali baxx tal-ispejjeż ta' trażmissjoni fil-prezzijiet finali tal-enerġija.

Penali u azzjoni ta' nfurzar għall-PCIs billi t-TSOs ikunu obbligati li jwettqu l-proġetti prijoritarji miftiehma jistgħu potenzjalment iżidu l-benessri soċjali fuq livell ta' UE. Għal tali miżuri jeħtieġ li jingħataw setgħat ġodda lill-NRAs. Il-miżuri jistgħu jwasslu għal oppożizzjoni b'saħħitha min-naħa tat-TSOs, hekk kif l-impatt ekonomiku jista' jkun wieħed negattiv, jew minħabba dħul inqas permezz ta' penali f'każ ta' nuqqas ta' twettiq, jew minħabba riskji addizjonali mhux koperti li ttieħdu f'każ li jitwettaq proġett. Għaldaqstant, il-valur miżjud ta' tali skema obbligatorja meta mqabbla ma' skema msejsa fuq l-inċentivi jidher li huwa wieħed limitat.

B'riżultat ta' dan, l-alternattiva B.2.b hija l-alternattiva preferuta.

ALTERNATTIVA B.3: Allokazzjoni tal-ispejjeż *ex ante* u inċentivi relatati mar-riskji għall-PCIs

Din tista' tkun l-alternattiva preferuta peress li tgħaqqad l-impatti pożittivi taż-żewġ subalternattivi preferuti u tippermetti li jiġi kopert l-akbar għadd ta' PCIs.

4.2. Finanzjament

ALTERNATTIVA C.1: Strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji

L-introduzzjoni ta' strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji ttejjeb l-aċċess għall-kapital u sorsi ġodda ta' finanzjament u kapital ta' riskju (pereżempju, bonds jew garanziji) b'termini aktar adatti, u b'hekk titjieb il-vijabbiltà kummerċjali tal-proġett favur deċiżjoni pożittiva dwar l-investiment. Tali appoġġ jista' jinkiseb bi spiża inqas għall-baġit pubbliku meta mqabbel ma' għotjiet diretti b'effett multiplikatur għoli (sa 25). Din l-alternattiva tesiġi kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji u b'hekk jonqos il-piż amministrattiv tal-Kummissjoni.

ALTERNATTIVA C.2: Strumenti ta' kapital ta' riskju

Il-forniment tal-ekwità jirriżulta f'impatt pożittiv ħafna fuq il-kapaċita u attrazzjoni finanzjarja ta' investituri ġodda. Billi jiġu assistiti proġetti fil-fażi bikrija tagħhom, il-perkors għall-proġetti maturi ikun jista' jiġi aċċellerat, speċjalment jekk huma aktar kumplessi, innovattivi u jinvolvu bosta partijiet interessati. Ikun mistenni ingranaġġ qawwi mill-baġit tal-UE b'fattur multiplikatur ta' bejn 1 u 10. Jekk l-investimenti jiġu esternalizzati lil istituzzjoni finanzjarja, dan se joħloq ħtiġijiet sostanzjali ta' riżorsi fi ħdan l-istituzzjonijiet finanzjarji.

ALTERNATTIVA C.3: Appoġġ permezz ta' għotja għall-kostruzzjoni ta' proġettI

L-għotjiet jistgħu jipprovdu impatti ekonomiċi u soċjali kbar u pożittivi, u b'hekk jiġi appoġġat it-twettiq tal-PCIs li ma setgħux jiġu żviluppati mill-forzi tas-suq jew bir-regolazzjoni waħedhom, filwaqt li jiġi mitigat l-impatt fuq it-tariffi tan-netwerk. Intervent permezz ta' għotja jista' jimmira għal dawk il-PCIs li huma partikolarment vitali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika għall-enerġija u l-klima għall-2020 kif ukoll is-suq intern u s-sigurtà tal-

provvista tal-Unjoni. L-impatt amministrattiv se jkun direttament ikkorrelatat mal-għadd ta' proġetti u l-baġit tal-UE disponibbli biex dawn ikunu appoġġati.

ALTERNATTIVA C.4: Kombinazzjoni ta' għotjiet kif ukoll strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji u ta' kapital ta' riskju

Peress li din l-alternattiva tgħaqqad l-alternattivi C.1, C.2 u C.3, din tista' takkumula l-impatti pożittivi tal-alternattivi individwali. Madankollu, li tiġi pprovduta kaxxa tal-għodda ta' strumenti msejsa fuq is-suq (C.1 u C.2) u appoġġ finanzjarju dirett (C.3) se twassal ukoll għal sinerġiji u żieda fl-effiċjenza, hekk kif ikun possibbli li tiġi pprovduta, b'mod flessibbli, is-soluzzjoni l-aktar kosteffikaċi għal speċifiċi riskji marbuta mal-proġetti.

B'riżultat ta' dan, l-alternattiva C.4.b hija l-alternattiva preferuta. Din tirrefletti l-proposti li jikkonċernaw il-baġit futur tal-UE kif imressqa mill-Kummissjoni Ewropea fid-29 ta' Ġunju 2011 u jiffaċilitaw bis-sħiħ il-Faċilita 'Nikkollegaw l-Ewropa' proposta.

6) Taqbil tal-alternattivi u l-konklużjonijiet finali tal-valutazzjoni tal-impatt

B'riżultat tal-analiżi, il-valutazzjoni tal-impatt tippreżenta **sett ta' alternattivi preferuti**: 1) stabbiliment ta' sistema ta' interess Ewropew komuni, punt uniku ta' referenza sħiħ u limitu ta' żmien ta' 4 snin għal proġetti ta' interess komuni; 2) Allokazzjoni tal-ispejjeż transkonfinali *ex ante* u inċentivi relatati mar-riskji għall-PCIs; u 3) kombinazzjoni ta' għotjiet kif ukoll strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji u ta' kapital ta' riskju. **L-ebda waħda minnhom waħedha mhija kapaċi tipprovdi l-investimenti meħtieġa** u għalhekk teħtieġ koordinazzjoni tal-azzjoni ta' politika għall-alternattivi preferuti.

B'mod ġenerali, l-impatti negattivi fuq l-ambjent, iċ-ċittadini individwali u t-tariffi ikunu megħluba bil-kbir mill-benefiċċji mistennija mit-tlestija tan-netwerks trans-Ewropej. Dan se jippermetti lill-UE li tilħaq il-miri għall-enerġija u l-klima miftiehma fuq livell tal-UE, partikolarment is-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ta' 20 % u t-tnaqqis b'20 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2020. Infrastruttura adegwata se tiffaċilita wkoll l-integrazzjoni sħiħa tas-suq intern tal-enerġija fl-elettriku u l-gass, u b'hekk toħloq opportunitajiet ġodda għall-ottimizzazzjoni u l-effiċjenza tas-suq, il-kompetizzjoni u l-għażla għall-konsumatur aħħari u twassal għal effett ġenerali ta' tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija. Is-sett ta' miżuri se jagħmlu wkoll il-provvisti tagħna tal-enerġija aktar siguri, billi jipprovdu diversifikazzjoni tas-sorsi, rotot u kontropartijiet u billi tiżdied l-istabbiltà tas-sistema, iżda wkoll billi titjieb is-sigurtà u reżiljenza għall-klima tan-netwerks tagħna.

Dan kollu se jikkontribwixxi lill-impatt ġenerali pożittiv u sinfikanti fuq il-PDG u l-impjiegi li diġà ġew identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt tal-2010 (+0,42 % fi tkabbir u 410,000 impjieg addizzjonali meta mqabbel max-xenarju bażi għall-perjodu 2011-2020).

It-tabella hawn taħt tiġbor fil-qosor l-impatti tal-alternattivi u subalternattiv kollha.

Alternattivi	Impatti ekonomiċi u soċjali	Impatti ambjentali	Impatti oħra
A.1	+	=	Fattibbiltà legali: -
A.2	++	+	Fattibbiltà legali: -
A.3	+++	++	Fattibbiltà legali: -
B.1	++	+	Amministrattivi: -
B.2	++	+	Impatt fuq it-tariffi: -

Alternattivi	**Impatti ekonomiċi u soċjali**	**Impatti ambjentali**	**Impatti oħra**
B.3	+++	++	Impatti amministrattivi u dawk fuq it-tariffi: -
C.1	+++	+	
C.2	++	+	Amministrattivi: -
C.3	+++	++	Amministrattivi: -
C.4	+++	++	Amministrattivi: - Tariffi: +
A.3 & B.3 & C.4	+++	+++	Legali, amministrattivi: - Tariffi: +

Sommarju tal-impatti (= ekwivalenti għax-xenarju bażi; + sa +++ titjib meta mqabbel max-xenarju bażi; - sa - - - livell agħar meta mqabbel max-xenarju bażi)